**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 568/2020 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MM**

**Vs**

**SM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MM datat 19 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar id-disgha (9) ta' April tas-sena elfejnm u hamsa (2005) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa mill-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B" fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi kollox konfermat fl-affidavit anness "Dokument C".*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondiuzzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn li gie ccelebrat nhar id-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u hamsa (2005);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk minn mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SM datata 7 ta' Dicembru 2021, a fol 21, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti ghadha ma gietx notifikata formalment bir-rikors promotorju madanakollu hija giet debitament infurmata tramite l-Avukat taghha, illi zewgha, intavola il-proceduri fl-ismijiet fuq premessi.*

*Illi huwa minnu illi iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment, tant illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-Atti tan-Nutar Dr. Josef Masini fil-11 ta' Novembru 2021.*

*Illi minn dak in-nhar tal-kuntratt sa llum, il-manteniment li kien dovut dak ix-xahar thallas. Naturalment dan ma huwiex garanzija illi hlasijiet futuri sejrin isiru izda l-esponenti ma ghandha l-ebda dubju ragjonevoli illi l-hlasijiet ma humiex ser isiru.*

*Illi illum il-gurnata, nonostante illi ghaddew biss gimghat mis-separazzjoni bejn il-partijiet, ma hemm l-ebda lok ghal rikonciljazzjoni dan stante tifrik totali fir-relazzjoni bejn il-partijiet u ukoll il-fatt illi r-rikorrent zewgha ilu xhur f'relazzjoni*

*ma' terza persuna.*

*Illi ghalhekk, l-esponent ma hijiex ser topponi t-talba ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MM xehed** (vide affidavit fol 11) illi l-kontendenti zzewgu nhar id-9 ta' April 2015. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt konsenswali fl-atti tan-nutar Dr Josef Christian Masini Vento nhar il-11 ta' Novembru 2021. Iddikjara illi ilhom jghixu separatament minghajr relazzjoni intima bejniethom **ghal dawn l-ahhar sentejn**. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**SM xehdet** (vide affidavit fol 22) illi hija giet debitament notifikata b'dawn il-proceduri tramite l-avukat taghha u mhux formalment. Sostniet illi z-zwieg taghhom tkisser u ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar il-11 ta' Novembru 2021 fl-atti tan-nutar Dr Josef Masini Vento. Xehdet illi il-manteniment dovut bejniethom mid-data tal-kunratt sal-lum, thallas, izda ma ghandha ebda garanzija li dan il-hlas ser jibqa jsir. Ghalkemm ghadhom ghaddew biss ftit gimghat mid-data tas-separazzjoni, hija sostniet illi ma hemm ebda tama ghal rikonciljazzjoni u mhux qed topponi ghad-divrozju.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' April 2005, liema zwieg jgib certifikat numru 315/2005 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Masini Vento nhar il-11 ta' Novembru 2021 (vide Dok. B fol 5 et seqq.). Jirrizulta ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament de facto ghal sentejn. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 315/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**